

**Brussell, 10 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)**

**10160/22**

**EF 166  
ECOFIN 615  
DELECT 86**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Ġunju 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 3584 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 9.6.2022 li jestendi l-perjodu tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 89(1), fl-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3584 final.

Mehmuż: C(2022) 3584 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.6.2022  
C(2022) 3584 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 9.6.2022**

**li jestendi l-perjodu tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 89(1), fl-ewwel subparagrafu,  
tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (EMIR) jipprevedi eżenzjoni temporanja mill-obbligu tal-ikklerjar għall-Arranġamenti tal-Iskemi tal-Pensjonijiet (Pension Scheme Arrangements, PSAs) li jissodisfaw ċerti kriterji. Il-perjodu tranżitorju huwa stabbilit fl-Artikolu 89(1) tal-EMIR u jipprovdi aktar ħin għall-kontropartijiet ċentrali (central counterparties, CCPs), il-PSAs u l-membri tal-ikklerjar biex jiżviluppaw soluzzjonijiet tekniċi vijabbli li jippermettu lill-PSAs jissodisfaw l-appelli għall-manutenzjoni tal-marġni ta' varjazzjoni tal-flus tas-CCPs, u b'hekk itaffu l-effetti negattivi potenzjali tal-kuntratti tad-derivattivi tal-ikklerjar ċentrali fuq il-benefiċċji tal-irtirar ta' pensjonanti futuri.

L-eżenzjoni temporanja giet estiża matul is-snin, billi ma feġġet l-ebda soluzzjoni teknika vijabbli.

- Ir-rieżami tal-EMIR (ir-Regolament (UE) Nru 834/2019, "EMIR Refit") tawwal l-eżenzjoni sat-18 ta' Ġunju 2021;
- F'konformità mal-Artikolu 85(2) tal-EMIR, huwa possibbli li dan jiġi estiż darbtejn, kull darba b'sena, billi jiġi adottat att delegat tal-Kummissjoni filwaqt li l-għan aħħari tar-Regolament jibqa' l-ikklerjar ċentrali mill-PSAs.
- Fit-8 ta' Ġunju 2021 u fl-10 ta' Ġunju 2021, rispettivament, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma oġġezzjonawx għal proposta adottata fis-6 ta' Mejju 2021 mill-Kummissjoni għal estensjoni tal-eżenzjoni għal sena oħra, għalhekk l-eżenzjoni bħalissa tibqa' għaddejja sat-18 ta' Ġunju 2022<sup>1</sup>.

Permezz ta' dan l-Att Delegat, il-Kummissjoni qed tipproponi li testendi l-eżenzjoni eżistenti b'sena addizzjonali. Din hija l-estensjoni finali possibbli skont il-qafas tal-EMIR attwali.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

"EMIR Refit" jipprevedi qafas komprensiv biex jiġi vvalutat il-progress li sar fis-sejba ta' soluzzjonijiet vijabbli lejn ostakli li jipprevjenu l-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet milli jikklerjaw ċentralment. Skont l-Artikolu 85(2), il-Kummissjoni għandha tħejji rapporti annwali li jivvalutaw jekk ġewx żviluppata soluzzjonijiet tekniċi vijabbli biex il-PSAs ikunu jistgħu jkopru l-marġni ta' varjazzjoni fi flus kontanti jew jittrasferixxu kollateral mhux fi flus bħala marġni ta' varjazzjoni, u l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali biex jiffaċilitaw dawk is-soluzzjonijiet tekniċi vijabbli.

L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA), f'kooperazzjoni mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (European Insurance and Occupational Pensions Authority, EIOPA), l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), għandha tippreżenta rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar is-suġġett biex tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija meħtieġa tistabbilixxi grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti tas-CCPs, il-membri tal-ikklerjar, il-PSAs u partijiet rilevanti oħrajn biex jimmonitorjaw l-isforzi tagħhom u jivvalutaw il-progress li jkun sar fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi vijabbli li jiffaċilitaw l-ikklerjar ta' kuntratti tad-

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/962 tas-6 ta' Mejju 2021 li jestendi l-perjodu tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 89(1), fl-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 213, 16.6.2021, p. 1).

derivattivi OTC mill-PSAs (minn hawn 'il quddiem: “Grupp ta’ esperti tal-PSA”). Is-CCPs, il-membri tal-ikklerjar u l-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet tekniċi vijabbli.

Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapporti tagħha lill-koleġiżlaturi f’ Settembru 2020 (COM(2020) 574 final tat-23.9.2020) u f’ Mejju 2021 (COM(2021) 224 final tas-06.05.2021). Fir-rapporti, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li matul is-snin il-kundizzjonijiet tal-likwidità għall-PSAs komplew jitjiebu filwaqt li sar progress mill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jinstabu soluzzjonijiet vijabbli. B’mod partikolari, is-CCPs żviluppaw, jew qegħdin fil-proċess li jiżviluppaw, mudelli ta’ aċċess iffaċilitat għas-swieq tar-riakkwist ikklerjati, fejn il-PSAs jistgħu jittrasformaw kollateral mhux fi flus fi flus<sup>2</sup>. Xi PSAs diġà qed jikklerjaw volontarjament porzjon tad-derivattivi tagħhom, bħala klijenti tal-membri tal-ikklerjar. Ir-rapporti enfasizzaw li kwistjoni persistenti għall-PSAs tibqa’ l-ħtieġa li jiġi pospost marġni ta’ varjazzjoni fi flus f’kundizzjonijiet tas-suq taħt stress, meta t-talbiet għall-marġni ta’ flus mis-CCPs jistgħu jsiru sinifikanti u l-kapaċità tal-PSAs li jirrikorru għas-suq tar-riakkwist mhux dejjem tista’ tiġi żgurata.

Il-Kummissjoni rċeviet l-aħħar rapport mill-ESMA fil-25 ta’ Jannar 2022<sup>3</sup>. Ir-rapport ikkonferma li b’mod ġenerali d-deskrizzjoni, l-analiżi u s-sejbiet dettaljati fir-Rapport tal-ESMA ta’ Diċembru 2020<sup>4</sup> għadhom validi, filwaqt li din id-darba jiffokaw fuq ir-rieda operazzjonali tal-PSAs li jikklerjaw. Il-konklużjoni tal-ESMA hija li l-PSAs huma fil-biċċa l-kbira tagħhom lesti biex jikklerjaw operazzjonalment u numru dejjem jikber qed jikklerjaw volontarjament mill-inqas parti mill-portafolli tad-derivattivi tagħhom, iżda li l-PSAs u l-parteċipanti rilevanti fis-suq jeħtieġu ż-żmien biex jiffinalizzaw l-arranġamenti tal-ikklerjar u tal-ġestjoni tal-kollateral tagħhom. Barra minn hekk, l-ESMA temmen li l-bidu tal-obbligu tal-ikklerjar għall-PSAs għandu jitqies fil-kuntest tal-bini tal-kapaċità tal-ikklerjar fl-UE. Fuq din il-bażi, hija tikkonkludi billi tirrakkomanda estensjoni oħra b’sena.

Din il-konklużjoni hija kkorroborata minn diskussjonijiet fil-grupp ta’ esperti tal-PSA, li ltaqa’ sitt darbiet mill-bidu tiegħu fl-2019, l-aktar reċenti f’Marzu 2022. Matul l-aħħar laqgħa, il-parteċipanti indikaw li l-PSAs huma fil-biċċa l-kbira lesti biex jikklerjaw, għandhom arranġamenti ta’ kkerjar fis-seħħ u diġà jikklerjaw xi kummerċ b’mod volontarju. Madankollu, ir-rappreżentanti tal-PSA fil-grupp expert enfasizzaw li l-kwistjoni speċifika tal-PSAs li jkollhom aċċess għal likwidità suffiċjenti f’perjodi ta’ stress biex jipprovdu flus għal sejħiet għall-marġni ta’ varjazzjoni xorta għadha hemm, u b’hekk in-nuqqas kontinwu ta’ rieda fost xi wħud biex jikklerjaw proporzjon akbar tal-portafolli tad-derivattivi tagħhom.

Fid-dawl tar-rapport tal-ESMA kif ukoll tad-diskussjonijiet fil-grupp ta’ esperti tal-PSA, il-Kummissjoni ħejjiet rapport<sup>5</sup> li jikkonkludi li, mill-2019, kien hemm progress sostanzjali lejn l-ikklerjar ċentrali għall-PSAs, inkluż xi PSAs li qed jimxu parzjalment lejn l-ikklerjar ċentrali fuq bażi volontarja. Madankollu, huma meħtieġa aktar inċentivi biex jiġi ffaċilitat l-

<sup>2</sup> Ftehim ta’ riakkwist (“repo”) huwa ftehim biex jinbiegħu titoli bi prezz partikolari kkombinat ma’ ftehim ta’ riakkwist ta’ dawk it-titoli bi prezz miftiehem f’data aktar tard. Is-suq ta’ riakkwist jiġbor flimkien ditti li jipprovdu kollateral bi skambju għal flus u ditti li jipprovdu flus bi skambju għal kollateral.

<sup>3</sup> L-obbligu tal-ikklerjar għall-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, ESMA70-451-110, il-25 ta’ Jannar 2022.

<sup>4</sup> Rapport dwar is-soluzzjonijiet tal-ikklerjar ċentrali għall-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet (Nru 2), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, ESMA70-151-3248, is-17 ta’ Diċembru 2020

<sup>5</sup> COM (2022) 254, Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill skont l-Artikolu 85(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 834/2019, li jivvaluta jekk ġewx żviluppatti soluzzjonijiet tekniċi vijabbli għat-trasferiment mill-arranġamenti tal-iskema tal-pensjonijiet ta’ kollateral fi flus jew mhux fi flus bħala marġni ta’ varjazzjoni u l-ħtieġa għal kwalunkwe miżura biex jiġu ffaċilitati dawk is-soluzzjonijiet tekniċi vijabbli

ikklerjar tal-PSAs. B'mod partikolari, is-CCPs tal-UE jenħtieġ li jużaw iż-żmien allokat biex ikomplu jevolvu l-mudelli tagħhom ta' aċċess iffaċilitat u trasformazzjoni tal-kollateral, biex iżidu l-attraenza tagħhom għall-PSAs.

Barra minn dan, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli dwar il-proposta għal att delegat biex l-eżenzjoni tal-ikklerjar ċentrali tal-PSA tiġi estiża b'sena sa Ġunju 2023. Din il-konsultazzjoni wriet kunsens wiesa' dwar il-proposta biex tiġi estiża l-eżenzjoni u r-rikonoxximent li l-ikklerjar ċentrali għall-PSAs se jsir obbligatorju f'Ġunju 2023. Xi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa għal komunikazzjoni ċara biex jiġi żgurat li s-CCPs jibnu l-kapaċità tal-ikklerjar tagħhom u l-PSAs jiżviluppaw il-proċessi ta' ġestjoni tal-likwidità tagħhom biex jippermettu lill-PSAs ikunu jistgħu jaċċessaw bla xkiel l-ikklerjar ċentrali meta l-eżenzjoni temporanja mill-obbligu tal-ikklerjar tiskadi f'Ġunju 2023.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Id-dritt li tadotta att delegat huwa previst fl-Artikolu 85(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (EMIR).

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 9.6.2022

**li jestendi l-perjodu tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 89(1), fl-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet<sup>6</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 85(2), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jipprevedi li sat-18 ta' Ġunju 2021, l-obbligu tal-ikklerjar stabbilit fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament ma għandux japplika għall-kuntratti tad-derivattivi OTC li huma oġġettivament miżurabbli li jnaqqsu r-riskji ta' investiment direttament relatati mas-solvenza finanzjarja tal-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet, u għal entitajiet stabbiliti biex jipprovdu kumpens lill-membri ta' arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet f'każ ta' inadempjenza. Dan il-perjodu tranżitorju ddaħħal biex jippermetti l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi vijabbli għat-trasferiment mill-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet ta' kollateral fi flus u mhux fi flus bħala marġni ta' varjazzjoni, u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe effett negattiv fuq il-benefiċċji tal-irtirar ta' pensjonanti futuri li jkun ikkawżat minn applikazzjoni immedjata tal-obbligu tal-ikklerjar għal tali kuntratti tad-derivattivi OTC.
- (2) It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 85(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex testendi l-perjodu tranżitorju stabbilit fl-Artikolu 89(1) ta' dak ir-Regolament darbtejn, kull darba b'sena, jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li ma għewx żviluppata soluzzjonijiet tekniċi vijabbli għat-trasferiment permezz ta' arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet ta' kollateral fi flus u mhux fi flus bħala marġnijiet ta' varjazzjoni u li l-effetti negattivi fuq il-benefiċċji tal-irtirar ta' pensjonanti futuri minħabba kuntratti tad-derivattivi tal-ikklerjar ċentrali baqgħu l-istess. Għal dan il-għan, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 85(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jirrikjedi li l-Kummissjoni tħejji rapporti annwali sal-estensjoni finali tal-perjodu tranżizzjonali, biex jiġi vvalutat jekk għewx żviluppata tali soluzzjonijiet tekniċi vijabbli u jekk hemmx bżonn li tiġi adottata xi miżura li tiffaċilita dawk is-soluzzjonijiet tekniċi vijabbli.
- (3) Il-Kummissjoni adottat żewġ rapporti annwali fit-23 ta' Settembru 2020<sup>7</sup> u fis-6 ta' Mejju 2021<sup>8</sup> rispettivament. F'dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni osservat li l-

<sup>6</sup> ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

<sup>7</sup> COM(2020) 574 final

<sup>8</sup> COM(2021) 224 final

parteċipanti fis-suq għamli sforzi matul is-snin biex jiżviluppaw soluzzjonijiet tekniċi xierqa li jinkludu trasformazzjoni tal-kollateral minn membri tal-ikklerjar jew permezz ta' swieq tar-riakkwist ikklerjati. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li xi arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet bdew jikklerjaw ċentralment porzjon tal-portafolli tad-derivattivi tagħhom b'mod volontarju. Ir-rapport ikkonkluda li l-isfida ewlenija li fadal għall-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet kienet l-aċċess, f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress, għal-likwidità biex ikun jista' jiġi pospost il-marġni ta' varjazzjoni, minħabba li dak ir-reqwizit iżid malajr u b'mod sinifikanti r-riskju li jiġu eżawriti l-allokkazzjonijiet fi flus kontanti tal-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet.

- (4) Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 85(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jeżiġi li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA), f'kooperazzjoni mal-Awtorità Ewropea tal-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, tippreżenta rapporti annwali lill-Kummissjoni, filwaqt li tivvaluta jekk is-CCPs, il-membri tal-ikklerjar u l-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet għamlux sforz xieraq u żviluppawx soluzzjonijiet tekniċi vijabbli li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' tali arranġamenti fl-ikklerjar ċentrali billi jpoġġu kollateral fi flus kontanti u mhux fi flus kontanti bħala marġnijiet ta' varjazzjoni, inklużi l-imprikazzjonijiet ta' dawk is-soluzzjonijiet fuq il-likwidità tas-suq u l-klijentela tagħhom.
- (5) Fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/962<sup>9</sup>, il-Kummissjoni estendiet il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 darba, sat-18 ta' Ġunju 2022.
- (6) Fil-25 ta' Jannar 2022, l-ESMA ppreżentat l-aħħar rapport tagħha dwar jekk is-CCPs, il-membri tal-ikklerjar u l-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet għamlux sforz xieraq u żviluppawx soluzzjonijiet tekniċi vijabbli li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' tali arranġamenti fl-ikklerjar ċentrali billi jiddepożitaw kollateral fi flus u mhux fi flus bħala marġnijiet ta' varjazzjoni. Filwaqt li fil-biċċa l-kbira kkonfermat is-sejbiet preċedenti tagħha dettaljati f'rapporti preċedenti lill-Kummissjoni, l-ESMA f'dak ir-rapport iffokat fuq kemm l-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet huma lesti biex jikklerjaw il-kuntratti tad-derivattivi OTC. Għalkemm għadd dejjem jikber ta' arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet volontarjament jikklerjaw il-kuntratti tad-derivattivi OTC u l-kundizzjonijiet tal-likwidità jkomplu jevolvu b'mod favorevoli, ir-rapport tal-ESMA kkonkluda wkoll li l-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet u l-parteċipanti rilevanti fis-suq jeħtieġu biżżejjed żmien biex jiffinalizzaw l-arranġamenti tal-ikklerjar u tal-ġestjoni tal-kollateral tagħhom. Għalhekk, l-ESMA esprimiet il-fehma li hija meħtieġa estenzjoni addizzjonali b'sena tal-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.
- (7) Fl-aħħar valutazzjoni tagħha tal-istat ta' tnejnija tal-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet biex jikklerjaw ċentralment il-portafolli tad-derivattivi tagħhom<sup>10</sup>, il-Kummissjoni waslet għal konklużjoni li hija simili għal dik tal-ESMA. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, il-kundizzjonijiet ta' likwidità għall-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet baqgħu robusti, anki matul perjodi reċenti ta' stress fis-suq, u huma mistennija li jkomplu jevolvu b'mod favorevoli hekk kif il-fondi jieħdu mudelli ta'

<sup>9</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/962 tas-6 ta' Mejju 2021 li jestendi l-perjodu tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 89(1), fl-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 213, 16.6.2021, p. 1).

<sup>10</sup> COM(2022) 254.

aċċess alternattivi għas-suq tar-riakkwist. Perspettiva pożittiva għall-aċċess għal-likwidità wasslet għal sitwazzjoni fejn għadd dejjem jikber ta' arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet bdew jikklerjaw volontarjament mill-inqas parti mill-portafolli tad-derivattivi tagħhom. Il-mudelli alternattivi għall-aċċess għal-likwidità permezz tas-suq tar-riakkwist iridu jingħataw żmien biex jimmaturaw, madankollu, filwaqt li l-arranġamenti tal-iskemi tal-pensjonijiet iridu jtejbu l-likwidità interna u l-prattiki tal-ġestjoni tal-kollateral tagħhom.

- (8) Il-Kummissjoni, filwaqt li qieset ir-rapport tal-ESMA, għalhekk ikkonkludiet li huwa tabilħaqq meħtieġ li l-perjodu tranżitorju stabbilit fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiġi estiż b'sena oħra.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiġi estiż.
- (10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza biex jiġi żgurat li l-perjodu tranżitorju jiġi estiż qabel ma jiskadi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 89(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa estiż sat-18 ta' Ġunju 2023.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9.6.2022

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*